MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1396/2002

**L-Avukat Dottor Michael Grech bhala mandatarju tas-socjeta' estera UNILEVER plc ta' Port Sunlight, Wirral, Merseyside, Renju Unit.**

**-vs-**

**SKAT Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressqa fis-6 ta' Dicembru, 2002, li bih is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta attrici ilha zmien twil tbiegh fuq is-suq lokali “washing liquid” ghall-hasil ta’ platti il-marka “SVELTO” fi fliexken jew containers hodor bil-“label” u “get up” distintiv.

Illi s-socjeta’ konvenuta recentement bdiet tispacca merkanzija bhal dik ta’ l-attur nomine u cioe’ “washing liquid” ghall-hasil tal-platti bl-isem “STOVEL” bil-“label” u bil-“get up” li jinkorpora fih l-imsemmi isem fi flixken jew containers hodor liema “label” u “get up” huma kwazi identici ghal dawk tas-socjeta’ attrici u huwa ghalhjekk intizi biex joholqu konfuzjoni fis-suq ghad-dannu ta’ l-istess socjeta’ attrici.

Illi l-“labels” uzati mis-socjeta’ konvenuta huma konfliggentement somiljanti ma dawk tas-socjeta’ attrici u li fihom l-istess element, cioe’ id, platt, lumija u ghalhekk kollha kemm huma intizi sabiex joholqu konfuzjoni fis-suq ghad-dannu ta’ l-istess socjeta’ attrici.

Illi l-isem “STOVEL” uzat mis-socjeta’ konvenuta huwa anagramma ta’ l-isem “SVELTO” u ghalhekk dan jista’ facilment jikkreja aktar konfuzjoni fil-mohh tal-konsumatur.

Billi bhala konsegwenza ta’ dan l-agir da parti tas-socjeta’ konvenuta ammontanti ghall-konkorrenza sleali s-socjeta’ konvenuta qed tohloq konfuzjoni fis-suq lokali mal-merkanzija ta’ l-attur nomine.

Billi b’ dan il-mod is-socjeta’ attrici qeda ssofri danni fin-negozju taghha tal-merkanzija fuq imsemmija.

Ghalhekk s-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tinibiha milli timporta, tesponi ghall-bejgh, tipproduci, tinpakketta jew b' xi mod iehor tispacca fuq is-suq lokali “washing liquid” ghall-hasil tal-platti bl-isem “STOVEL” u bil-“label” u bil-“get up” li jinkopora fih l-isem “STOVEL” fi flixken jew containers hodor.

2. Tikkundanna sabiex fi zmien qasir li tiffissa l-Qorti hi tikkonsenja lis-socjeta’ attrici il-prodotti, il-“sontainers” u t-tiketti kollha tal-prodotti bl-isem “STOVEL” li jinsabu fil-pussesstaghha jew taht il-kontroll taghha sabiex dawn il-prodotti, “containers” u t-tikketti jinqerdu.

3. Tikkundannha sabiex fl-istess zmien qasir hija tirtira minghand il-grossisti, dettaljaturi jew persuni ohra l-itess prodotti “Containers” u tikketti kollha tal-prodott bl-isem “STOVEL” u tikkonsenjhom lis-socjeta’ attrici biex jinqerdu.

4. Tiddikjarha responsabbli tad-danni kollha sofferti u illi qeda ssoffri minhabba il-percitata konkorrenza sleali maghmula mis-socjeta’ konvenuta.

5. Tillikwida l-istess danni okkorrendo permezz ta’ perit nominand.

6. Tikkundanna l-istess socjeta’ konvenuta thallasha d-danni hekk likwidati flimkien ma l-imghax legali.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta ngiunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xhieda tas-socjeta’ attrici.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta Nota ta' Eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota ta' l-attur nomine  li biha ceda t-talbiet kif mitluba, pero' jzomm ferm fuq il-kap ta' l-ispejjez;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta, **tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif ridotti billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjes tal-kawza lis-socjeta' attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------